## JASAL JUM IL-MULEJ

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Malakija.**
**Mal 3, 19-20a**

Ara, jiġi l-Jum, jaqbad qisu forn, u l-kburin kollha u kull min jagħmel il-ħażen ikunu tiben, u l-Jum li ġej għad jaħraqhom igħid il-Mulej ta' l-eżerċti hekk li ma jħallilhom la għerq u anqas fergħa. Imma għalikom li tibżgħu minn ismi titla' x-xemx tal-ġustizzja, bir-raġġi tagħha li jagħtu s-saħħa.

**Il-kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 97**
**Il-Mulej jagħmel ħaqq mill-popli**

Għannu lill-Mulej biċ-ċetra,
biċ-ċetra u b'leħen il-għana;
bit-trombi u b'leħen it-trombetti
Għajtu bil-ferħ quddiem is-sultan, il-Mulej!

**R/. Il-Mulej jagħmel ħaqq mill-popli.**

Ħa jgħajjat il-baħar u kull ma fih,
id-dinja u kull min igħammar fiha;
ħa jċapċpu x-xmajjar idejhom,
u l-muntanji bil-ferħ flimkien igħajtu
quddiem il-Mulej.

**R/. Il-Mulej jagħmel ħaqq mill-popli.**

Għax il-Mulej ġej
biex jagħmel ħaqq mill-art;
Hu jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja,
u mill-popli bir-reqqa.

**R/. Il-Mulej jagħmel ħaqq mill-popli.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu**
**lit-Tessalonkin**
**2 Tess 3, 7-12**

Ħuti: Intom stess tafu kif jinħtieġ timxu fuq l-eżempju tagħna. Aħna ma tgħażżinniex meta konna fostkom; il-ħobż li kilna, minn għand ħadd ma kien mogħti lilna b'xejn; imma lejl u nhar ħdimna u tħabatna u batejna, biex ma nkunu ta' piż għal ħadd minnkom. Imxejna hekk mhux għax ma għandniex jedd li żżommuna intom, imma ridna nagħtukom eżempju biex timxu fuqu; għax ukoll meta konna fostkom aħna,

ordnajnielkom, li, jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan anqas għandu jedd jiekol. Issa aħna smajna li hemm xi wħud fostkom li qegħdin jitgħażżnu; mhumiex jaħdmu, imma qegħdin jinħlew fix-xejn. Lil dawn in-nies nordnawlhom u nwissuhom, f'isem il-Mulej Ġesu Kristu, biex jaħdmu sewwa u l-għajxien tagħhom jaqilgħuh.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroduu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Ibqa' fidil sal-mewt, igħid il-Mulej,
u jiena nagħtik il-kuruna tal-ħajja.
**Hallelujah.**

**✠l-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 21, 5-19**

F'dak iż-żmien: Kien hemm xi wħud li bdew igħidu fuq kemm it-tempju kien imżejjen b'ġebel sabiħ u b'offerti tal-wegħda: Iżda Ġesu' qalilhom: "Kull ma qegħdin taraw, għad jiġi żmien li ma tibqax ġebla fuq oħra minnu li ma tiġġarrafx.'' U huma staqsewh u qalulu: "Mgħallem, issa dan meta għad jiġri? U x'se jkun is-sinjal li dawn il-ħwejjeġ ikunu waslu biex isiru?''
Qalilhom: "Araw li ma titqarrqux! Għax għad jiġu ħafna f'ismi u jgħidu, 'Jien hu' u, 'Iż-żmien wasal'. Tmorrux warajhom! Meta tisimgħu min jitkellem fuq gwerer u taqlib fil-pajjiżi, tinħasdux; għax jinħtieġ li l-ewwel jiġri dan, iżda t-tmiem ma jasalx minnufih.'' Imbagħad qalilhom: "Għad iqum ġens kontra ġens u saltna kontra saltna, l-art titheżheż bil-kbir, f'ħafna bnadi jkun hawn il-ġuħ u mard li jittieħed, u fis-sema jidhru ħwejjeġ tal-biża' u sinjali tal-għaġeb. Imma qabel dan kollu jixħtu idejhom fuqkom u jippersegwitawkom, jagħtukom f'idejn is-sinagogi u jitfgħukom fil-ħabs, u jeħdukom quddiem slaten u gvernaturi minħabba f'ismi.
Dan ikun jiswielkom biex tistgħu tagħtu xhieda. U żommu sewwa f'moħħkom; toqogħdux taħsbu minn qabel kif se tiddefendu rwieħkom, għax jiena nagħtikom diskors u għerf li kull min ikun kontra tagħkom ma jkunx jista' jiqaflu jew imerih. U t-tradituri tagħkom ikunu saħansitra l-ġenituri tagħkom u ħutkom u qrabatkom u ħbiebkom u lil xi wħud minnkom joqtluhom, u kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi. Imma xagħra waħda minn raskom ma tintilifx. Jekk tibqgħu sħaħ sa l-aħħar tiksbu rwieħkom!''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**